MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2004

Numru 118/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**AARON CASSAR**
**NOEL FRENDO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ARONNE CASSAR** ta' wiehed w ghoxrin sena, bin John u Grace nee Mallia, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Frar, 1980 u joqghod 'Kensington Court', Flat 17, Triq Bordino, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 137880M u **NOEL FRENDO** ta' sitta w ghoxrin sena, bin Dominic u Mary nee Catania, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Dicembru, 1975 u joqghod 'Golden Days', Flat 3, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 63276M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli b'diversi atti wkoll jekk

maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe :

1. talli fit-tmienja ta' Frar 2002 ghall-habta tas-sitta w kwart ta' filghodu mill-"Vibro Blocks" Triq l-Imdina, Zebbug, ikkommettew serq ta' somma flus kontanti li tammonta ghal tmintax il-elf lira maltin u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija;
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Raymond Vassallo minn H'Attard kontra l-volunta tieghu;
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex jgieghlu lil imsemmi Raymond Vassallo jaghmel, jhalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga;
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
5. talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tmienja ta' Frar 2002 u fil-granet ta' wara din d-data, zammew u/jew garrew jew kellhom fil-pussess taghhom armi tan-nar [senter u pistola] minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
6. talli f'xi hin bejn s-sitta w s-sebgha ta' Frar 2002 mill-garaxx numru disgha sitwat fi Triq il-Kultellazz, Mosta, ikkommettew serq ta' vann tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni JOE 029 ghad-dannu ta' Guseppe Muscat mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' diversi ghodod u accessorji ohra ghad-dannu ta' Guseppe Muscat mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din d-data, voluntarjament hassru, ghamlu hasra, gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq il-vann tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni JOE 029 kif wkoll fuq il-bieb tal-imsemmi garaxx, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda mhux izjed minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Guseppe Muscat;

9. LIL **ARONNE CASSAR WAHDU** talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn d-disgha w ghoxrin w it-tletin ta' Jannar 2002, minn Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' sellum tal-marka 'Werner', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Leslie Bonnici minn Ta' Xbiex, u tad-dirigenti tal-kumpanija Melita Cable;

10. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

11. LIL **ARONNE CASSAR** talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation li gew imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-hmistax ta' Gunju 1999;

12. LIL **NOEL FRENDO WAHDU** talli huwa kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigujnerija sospiza ghal erbgha snin imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera datata sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2001.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tappplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputati jhallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Noel Frendo datata sebgha w ghoxrin ta' Setembru 2001 markata bhala dokument NF a fol 354 tal-atti, l-process verbal numru 405/02 redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibit a fol 59 et seq tal-atti,

process verbal numru 456/02 redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibit a fol 82 et seq tal-atti odjerni.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu 2003 kif jirrizulta a fol 494 tal-atti odjerni.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmintax ta' Settembru 2003 a fol 495 tal-atti.

**Semghet lil imputat Noel Frendo jirregistra ammissjoni** ghall-akkuzi kollha kif deddotti kontra tieghu u dan nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2004 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u semghet lil istess avukat difensur tieghu jittratta dwar il-piena fl-istess seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk, fil-konfront tal-imputat Noel Frendo, fuq ammissjoni tieghu stess il-Qorti tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tirriserva li tipprovdi dwar il-piena idoneja aktar 'l quddiem f'din l-istess sentenza pero fil-konfront tal-ko akkuzat Aronne Cassar, il-Qorti ezaminat il-kaz kollu.

**Rat li l-ko akkuzat Aronne Cassar ma rregistra ebda ammissjoni** u li nghata zmien sal-hmistax ta' Awissu 2004 sabiex jippresenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu f'dan il-kaz, izda dan nonostante tali nota qatt ma giet ppresentata.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tmintax ta' Frar 2002 xehed Jason Abela** kif jirrizulta a fol 22 et seq tal-atti. Huwa qal li xi hmistax il-jum qabel ma sar l-hold up in kwistjoni gewwa l-fabbrika Vibro Blocks, Triq l-Imdina, Haz Zebbug nhar t-tmienja ta' Frar 2002, huwa kien fil-kumpanija ta' Aronne Cassar fid-dar ta' Noel Frendo [iz-zewg imputati odjerni], fil-Qawra u lkoll flimkien t-tlieta li huma, iddecidew li jaghmlu holdup. Maghhom kien hemm wkoll Angele Borg li tigi l-gharusa ta' Noel Frendo. Huma kienu ftehmu li hu kellu joqghod xufier fil-holdup. Noel Frendo gab vettura tal-ghamla Subaru, u t-tlieta li huma marru jittlajjaw f'dan il-post f'Haz Zebbug. Jghid li wkoll kienu tkellmu mal-watchman li kien f'dan il-post, certu Karmenu lejliet is-serqa. Jum il-Hamis marru fuq il-post sabiex jaraw kemm kien gholi l-hajt u biex jidraw l-akkwati. Dakinhar meta marru fl-ekwati, hemmhekk wkoll raw lil watchman. L-ghada, jum il-Gimgha, t-tlieta li huma marru fuq il-post huwa jsuq l-vettura tal-ghamla Subaru kif kienu ftehmu, u l-imputati Aronne Cassar u Noel Frendo zammew dawn r-*revolver* zghir u senter f'idejhom. Wassalhom fuq in-naha ta' wara u hu mar jistennihom fuq in-naha ta' quddiem tal-istabbiliment Vibro Blocks. Kellhom wicchom mghotti bi speci ta' barnuza tad-drapp. F'xi hin waqt li huwa kien fuq quddiem tal-fond, hareg il-watchman u proprju wara dahal s-sid fuq il-post u kien f'dak il-hin li qabzu l-imputati ghal fuqu. Huwa kien bi dritt maghhom jistennihom barra u ghalhekk rahom. Huwa dawwar katina max-xatba principali sabiex hadd ma jidhol jew johrog mill-fond waqt li l-imputati kienu gewwa. Wara reggha mar fuq wara tal-fond sabiex jistennihom u effettivament jitilqu flimkien. Huwa gabarhom u spjiega li f'idejhom kellhom l-armi gia indikati u basket bil-flus. Qal li lilu wassluh d-dar u li flus ma tawhx. Stqarr wkoll li l-imputat Noel Frendo kien halla l-karozza tieghu u cioe dik tal-kunjatu tieghu, hdejn il-Peridot Hall dakinhar qabel ma sar l-holdup u li effettivament kien gabarha minn hemmhekk, wara l-holdup ghaliex kien wasslu hu ghaliha.

Illi **nhar t-tlettax ta' Marzu 2002 xehdet Angela Borg** kif jirrizulta a fol 224 et seq tal-atti fejn qalet li verament kienet semghet konversazzjoni bejn Jason Abela u z-zewg imputati fuq holdup pero qalet li kien Jason Abela li

hajjar lil imputati. Qalet wkoll li fid-dar fejn kienet tghix mal-gharus taghha Noel Frendo, sabet arma *revolver* taht il-*fridge*. L-Ufficjal Prosekutur kien qralha l-istqarrija li kienet irrilaxxjat lil Pulizija nhar t-tnax ta' Frar 2002, liema stqarrija tinsab mmarkata bhala dokument CM 1 a fol 147 tal-atti odjerni u hija kkonfermat l-kontenut taghha kollu. Qalet wkoll li l-van li kien hemm fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija meta kienet arrestata kien ta' missier l-mara tal-imputat Noel Frendo, u li Noel Frendo kien serqu xi jiem qabel meta kien ma persuna ohra bl-isem ta' Pawlu Kavangh, ghaliex effettivement kienet rathom fil-pussess tieghu qabel.

**Josianne Bonnici** irrilaxxjajt stqarrija nhar t-tmienja ta' Frar 2002 li tinsab esibita a fol 143 tal-atti markata bhala dokument SV 1. Hija qalet li jum l-Erbgha, sitta ta' Frar 2002, tard filghaxija marret ghand l-imputat Noel Frendo u meta marret hemm ma gbinha Paul Kavangh, Noel Frendo qalilhom li kien ser jgorr xi ghodda ghand l-imputat Aronne Cassar. Qalet wkoll li dakinhar Noel Frendo qalilha li kien ser jaghmel serqa u li kien fiha flus kbar. Nhar il-Gimgha, tmienja ta' Frar 2002 waqt li hija kienet ghand Angela Borg u Noel Frendo, ghall-habta ta' nofsinhar, Angela Borg qaltilhom li kienu akkwistaw is-somma ta' elfejn lira maltin izda Noel Frendo maghruf bhala it-Tally minnufih, qal li kienu akkwistaw xi hamest elef lira maltin kull wiehed u cioe iz-zewg imputati u Jason Abela. Qalet wkoll li Angela Borg marret tixtri ma Jason Abela u Noel Frendo liema xirja kienet tikkonsisti f'*television*, *video* u xi ikel proprju dakinhar tas-Sibt filghodu. Jum is-Sibt waqt li kienet ghand Jason Abela, rat lil Angela Borg u lil Jason Abela jippanikjaw fuq xi haga li kellha Angela Borg fil-*fridge*. Qalet li dakinhar wasal l-imputat Aronne Cassar u wara Angela Borg u Aronne Cassar marru fil-flat taghha u gabu xi basket b'*revolver*, tefghu f'gembu u hadu mieghu. Aronne Cassar telaq wara xi ftit izda rritorna b'zewg armi xi tlett kwarti jew siegha wara. Qalet li rathom fil-flat u talbitu biex jnehhihom minn hemm u hekk ghamel, nizzilhom fil-karozza. Ikkonfermat li t-*television* u l-*video* inxtraw bil-flus tas-serqa . Illi din **Josianne Bonnici xehdet diversi drabi wara pero kienet inkonsistenti ghall-ahhar**. Il-

Qorti temmen din ix-xhieda taghha kif moghtija jum wara l-incident fl-inkjesta u mhux dik moghtija xhur wara. Il-memorja taghha kienet aktar friska meta rrilaxxjat l-istqarrija u ghalhekk ghandha aktar mis-sewwa minn dik x-xhieda taghha kif moghtija aktar tard il-Qorti fil-presenza taz-zewg imputati.

Illi **nhar t-tmintax ta' Frar 2002 xehed Abdul Bechir Sayar** kif jirrizulta a fol 27 et seq tal-atti fejn stqarr li l-imputat Noel Frendo kien ammetta mieghu li kien ghamel holdup go fabbrika f'Haz Zebbug billi libes barnuza b'arma f'idejh ippuntata lejn persuna u talabha l-flus u dan go fabbrika tal-hadid f'Haz Zebbug. Dan ix-xhud qal li staqsih jekk sparax u Noel Frendo qallu li ma kienx spara pero qallu li kien ha s-somma ta' tmintax il-elf lira maltin. Qal li meta staqsih lil Noel Frendo jekk il-Pulizija kellhomx provi kontrih qalulhom li hu ma deherx ghax kien libes barnuza pero kellhom il-*footprint* taz-zarbun tieghu. Qallu wkoll li kien qasam il-flus bejn tnejn ohra, ghaliex kienu tlieta minn nies li wettqu dan il-holdup.

Illi **nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2002 xehed l-Ispettur Carmelo Magri** kif jirrizulta a fol 31 et seq tal-atti fejn qal li hu kien gie avvicinat minn persuna li ghaddietlu informazzjoni kunfidenzjali li kienet saret serqa fil-gurnata ta' qabel fil-fond Vibro Blocks f'Haz Zebbug w indikatlu lil imputat Noel Frendo bhala wiehed mill-malviventi waqt li qallu li l-flus kienu qed jigu mizmuma fi flat fi Triq il-Kavetta f'San Pawl il-Bahar. Huwa qal li ra l-*film* mehud mis-CCTV tal-istabbilkment w induna li mill-*clear shots* li hargu, d-deskrizzjoni tixbah hafna dik taz-zewg akkuzati. Huwa jghid li fuq il-post insabtu xi *shoe prints* u ghalhekk ha z-zraben taz-zewg imputati sabiex issiru l-*comparisons* relattivi. Dan ix-xhud kompla jixhed u jispjiega li kien kompla bl-investigazzjoni u Jason Abela indikalu fejn kien il-van li bih twettaq dan il-holdup li kien qieghed f'Hal Luqa go garaxx tal-imputat Aronne Cassar u qallu wkoll li kienu ghamlu holdup bih t-tlieta li kienu u cioe huwa, Aronne Cassar u Noel Frendo fil- lejl ta' bejn is-sitta w is-sebgha ta' Frar 2002 fil-Vibro Blocks f'Haz Zebbug. Ix-xhud qal li go dan il-vann tal-ghamla Subaru bin-nurmu ta' registrazzjoni JOE 029 huwa sab diversi ghodda li rrizulta

li kienu nsterqu flimkien mal-vann mill-Mosta. Qal li f'dan il-garaxx instab wkoll s-sellum li kien insteraq minn fuq il-vann tal-Melita Cable nhr t-tletin ta' Jannar 2002.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 xehed l-Ispettur Silvio Valletta** kif jirrizulta a fol 37 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien kellem lil certu Raymond Vassallo li hu direttur tal-Vibro Blocks li qallu li nhar t-tmienja ta' Frar 2002, ghall-habta tas-sitta w ghaxra ta' filghodu, kien ghadu kemm gie aggredit minn zewg persuni armati. Appena hareg il-watchman mill-post, wiehed mill-aggressuri kellu senter u l-iehor arma zghira, qalulu biex jintefa mal-art u talbuh c-cavetta tas-*safe*. Rabtuh mal-art u hadulu l-flus li kellu fis-*safe* u meta telqu xeghel is-CCTV camera u ra zewg minn nies hergin 'l barra u minnufih cempel lil kugin Joseph Bonello u huwa qal li hadulu s-somma ta' sitt elef lira maltin.

**Joseph Bonello xehed** u qal li meta wasal fuq il-post sab l-*main gate* kienet imsakkra b'katina u katnazz u cavetta ta' dan il-katnazz ma kellux. Qal li fuq il-post innota li kien hemm zewg *shoe prints* li ndikaw li l-malviventi dahlu minn wara minn fuq travi tal-hadid. Jghid wkoll li dan il-fatt kif wkoll l-fatt li l-hallelin hargu minn wara hu konfermat mis-CCTV cameras. Dan ix-xhud kompla jixhed li l-ghada hu gie nfurmat li l-vann bin-numru tar-registrazzjoni JOE 029 li kien jixbah dak li kien jidher fuq s-CCTV camera kien instab fi Triq l-Eroj f'Haz Zebbug. Irrizulta li dan il-vann kien gie misruq mill-Mosta fil-lejl ta' bejn s-sitta w is-sebgha ta' Frar 2002 minghand certu Guseppi Muscat, missier l-mara tal-imputat Noel Frendo. Xehed wkoll li f'dan il-vann instabet balaclava.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 xehed Raymond Vassallo** kif jirrizulta a fol 74 et seq tal-atti, ghalkemm kien xehed wkoll fl-atti tal-inkjesta u spjiega kif meta wasal fuq il-post tax-xoghol ghall-habta tas-sitta ta' filghodu fil-Vibro Blocks f'Haz Zebbug, kien gie aggredit minn zewg minn nies wara li telaq il-watchman. Qal wkoll li kien hemm zewg minn nies li ppuntawlu l-armi u talbuh jinzel gharkuptejh u jifthilhom is-*safe*. Qal li hu fethilhom is-*safe* u tahom dak li kellu u cioe is-somma ta' sittax il-elf

lira maltin *cash*. Qal li l-malviventi kienu lebsin balaclava w ingwanti. Qal li wiehed minnhom kien irqieq u kellu senter f'idejh filwaqt li l-iehor, li kien imbaccac, kellu pistola. Dan ix-xhud qal li hu tahom kollox go basket u minnufih rabtulu jdejh fuq wara u qalulu biex ma jiccaqlaqx. Qal li hu nhall, xeghel is-CCTV camera u ra li l-malviventi kienu ghadhom fl-edifizju. Qal li hu cempel l-Ghassa u lil kugin Joseph Bonello li wkoll jahdem f'dak il-post. Mistoqsi jekk il-*gate* tkunx maghluqa jew imsakkra x-xhud wiegeb li din tkun maghluqa mhux imsakkra sabiex il-haddiema jkunu jistghu jidhlu xorta pero dakinhar kienet imsakkra b'katnazz. Minn ezami tal-film tas-CCTV irrizulta li kienet persuna involuta f'din s-serqa li kienet ghalqet il-kancell.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 xehed Joseph Bonello** kif jirrizulta a fol 77 et seq tal-atti fejn qal li nhar t-tmienja ta' Frar 2002 huwa rcieva telefonata ghall-habta tas-sitta w ghoxrin ta' filghodu minghand Raymond Vassallo fejn talbu jmur x-xoghol ghaliex kien sehh holdup. Ix-xhud qal li Raymond Vassallo kien qallu li kien sab haddiem jissara mal-kancell biex jipprova jidhol u hu qabad u qabez ghal gol bitha.

Illi **nhar t-tlettax ta' Marzu 2002 xehed Alfred Farrugia** kif jirrizulta a fol 228 et seq tal-atti fejn ikkonferma li huwa ghandu garaxx fi Triq ir-Rixtellu f'Hal Luqa u li kien krieh lil imputat Aronne Cassar skond l-iskrittura esibita fl-atti markata bhala dokument SV 1.

Illi **nhar t-tlettax ta' Marzu 2002 xehed Joseph Muscat** kif jirrizulta a fol 230 et seq tal-atti fejn ikkonferma li nhar s-sebgha ta' Frar 2002 huwa kien halla l-vann tieghu tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni JOE 029 fil-garaxx tieghu l-Mosta u darba minnhom ma subux hemmhekk. Ikkonferma li l-imputat Noel Frendo kien mizzewweg lil bintu pero m'ghadhomx flimkien u safejn jaf hu, kopja tac-cavetta tal-garaxx ma kellux. Ikkonferma li apparti li sab il-garaxx misruq, sab wkoll diversi ghodod li hu gharaf bhala li huma tieghu meta gie muri r-ritratti fil-faxxikolu esibita markat bhala dokument SOCO 1. Mistoqsi jekk hu kienx ta permess lil imputat Noel Frendo

u/jew lil Aronne Cassar sabiex juzaw il-vann tieghu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv [vide l-okkorrenza esibita minn PS 667 Edgar Borg nhar t-tlettax ta' Gunju 2002 a fol 373 tal-atti].

Illi minn ezami tar-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri u PC 1147 Antoine Fenech [dokument PS a fol 261 tal-atti odjerni] jidher li l-imputat Noel Frendo kien ghadda lil Ispettur Carmelo Magri par zarbun ta' lewn blu tal-marka 'Airway' u dan gie dokumentat skond il-kodici tal-laboratorju forensiku bhala 02 ALD 209 filwaqt li l-imputat Aronne Cassar ghadda zarbun tal-ghamla 'Red Indian' li gie dokumentat bhala 02 ALD 210.

Issa minn ezami tal-atti jirrizulta li l-Ispettur John Ellul kien gie nominat b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti Dottor Antonio Mizzi nhar t-tmienja ta' Frar 2002 sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn iz-zewg pari zraben u d-dokumenti konsenjati lilu mis-Scene of the Crime Officers PS 644 Evan Camilleri u PC 1147 Antoine Fenech.

Illi **nhar l-hmistax ta' April 2002 xehed l-Ispettur John Ellul** kif jirrizulta a fol 267 et seq tal-atti fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument PC 1 li tinsab esibita a fol 269 tal-atti. Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li fil-fehma ta' dan l-espert hemm diversi punti karatteristici li jwasslu ghal konkluzzjoni li l-marki misjuba fuq il-karti kif wkoll r-ritratti tal-marki li allegatament ittiehdu minn fuq t-travi tal-hadid fil-post J. M. Vassallo Vibro Blocks Limited, jaqblu mad-dokument 02 ALD 210 f'par zarbun ta' Noel Frendo u maz-zarbuna x-xellugija dokument 02 ALD 209 mehuda minghand Aronne Cassar.

**Konsiderazzjnijiet legali**

Illi huwa principju bazilari fil-kamp penali li x-xhieda ta' komplici, jekk mhiex korroborata b'cirkostanzi ohra, ma hiex bizzejjed biex l-akkuzat jinstab hati [vide artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Issa skond ma gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Maesta Tieghu r-Re v George Bezzina et**:

*"Il-korroborazzjoni mehtiega ma hijiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici; huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lil akkuzat u tentendi li tikkonnettih mad-delitt, jigifieri, xhieda diretta jew indizzjarja li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti illi l-akkuzat ikkommetta d-delitt."*

Fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v John Bondin *datata tnejn u ghoxrin ta' Marzu 1971***, gie ritenut li din r-regola statutorja li [fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza], twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li *ex admissis* hu kriminali. Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici hi vera u li hu regjonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **Rex v Bakerville [1916]** 2 K.B. 658 li rriteniet li:

*"It is sufficient if there is confirmation as to a meterial circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime… it must be evidence which implicates [the accused] …"*

Illi ghalhekk skond is-sentenza appena citata, il-korroborazzjoni hi biss "*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true not merely that the crime has been committed but that it was committed by the accused* u ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta illi l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroborata tkun anke merament cirkostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat."

**L-imputat Noel Frendo irrilaxxja zewg stqarrijiet** nhar l-hdax ta' Frar 2002 u nhar t-tlettax ta' Frar 2002, liema

stqarrijiet jinstabu esibit fl-atti a fol 45 markata bhala dokument SV u a fol 48 markata bhala dokument SV 2. Minn ezami taghhom jirrizulta li l-imputat Noel Frendo ma kkonfermax li fil-fatt ippartecipa f'xi reat tas-serq, ghalkemm aktar tard il-Qorti rregistra ammissjoni ghal akkuzi kif moghtija lilu, filwat li l-imputat Aronne Cassar irrilaxxja stqarrija nhar t-tlettax ta' Frar 2002 li tinsab esibta a fol 51 tal-atti markata bhala dokument SV 3, izda minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat Aronne Cassar fl-ebda hin m'ammetta l-partecipazzjoni tieghu ghal xi serq li gie imputat bih.

Issa, stabbilit dan, minn analizi tal-process, din il-Qorti ssib is-segwenti fatti korroborattivi li jorbtu lil akkuzat mal-akkuzi [vide wkoll **Il-Maesta Taghha r-Regina v Emanuel Scerri** ***- Qorti tal-Appell Kriminali - tmienja w ghoxrin ta' Mejju 1976***].

1. Jason Abela jghid li z-zewg imputati Noel Frendo u Aronne Cassar kellhom senter u *revolver* f'idejhom meta marru biex jghamlu holdup fl-istabbiliment Vibro Blocks filwaqt li Raymond Vassallo jghid li l-aggressuri tieghu kellhom senter u *revolver* f'idejhom;
2. Angela Borg tikkonferma dak li qal Jason Abela li l-imputati kellhom zewg armi u cioe senter u *revolver* u li Noel Frendo nehhihom mill-flat ta' Josianne Bonnici ghaliex bezghet;
3. Jason Abela jghid li l-imputati kienu lebsin balaclavas filwaqt li Raymond Vassallo jikkonferma dan;
4. Raymond Vassallo jaghti deskrizzjoni tal-malviventi billi jghid li wiehed minnhom kien twil w irqieq [bhal l-imputat Aronne Cassar] filwaqt li l-iehor kien qsajjar w imbaccac [bhal l-imputat Noel Frendo]. Dan hu konfermat minn ezami ta' *zip drives* esibiti minn Karim Cassar impjegat mas-socjeta assikurattrici Alberta a fol 412 tal-atti. Il-Qorti rat dawn iz-*zip drives* u ma hemmx dubbju li l- imputati odjerni huma identifikabbli f'dawn iz-zewg *zip drives*.
5. Raymond Vassallo jghid li l-aggressuri tieghu gew minn wara tal-post ghaliex rahom fil-film mehud mis-CCTV cameras filwaqt li Jason Abela jikkonferma li telaqhom fil-parti ta' wara tal-istabbiliment;

6. Joseph Bonello jghid li meta wasal fuq il-post sab li kien hemm katnazz u katina mal-kancell principali u li ma setghax jidhol liberment filwaqt li Jason Abela jghid li kien hu li pogga l-katina mal-kancell biex ma jidhlux nies waqt li l-imputati kienu gewwa;
7. Noel Frendo jghid li mis-serqa hu, Aronne Cassar u Jason Abela qalghu aktar minn hamest elef lira maltin kull wiehed filwaqt li mill-provi jirrizulta li mill-post insterqet is-somma ta' sittax il-elf u hames mitt lira maltin;
8. Kemm Angela Borg kif wkoll Josianne Bonnici jghidu li l-imputati kkonfessaw maghhom li kienu ser jghamlu serqa u li huma kienu ser jgawdu maghhom.

Illi di piu, apparti dawn il-fatti korroborattivi hemm il-prova xjentifika li dakinhar tat-tmienja ta' Frar 2002 l-imputati Aronne Cassar u Noel Frendo kienu fuq il-post ghaliex hallew *shoe prints* taghhom li gew konfermati mill-espert l-Ispettur John Ellul.

Illi din il-prova xjentifika ssahhah l-provi tal-Proskeuzzjoni u tghalaq il-kwadru li effettivement kienu l-imputati li wettqu dan il-holdup. Il-fatti korroborattivi fuq elenkati ghalhekk jsahhu u jikkumplementaw il-versjoni tal-ko awtur Jason Abela li jirrizulta li gia ttiehdu proceduri legali fil-konfront tieghu u li ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-kaz taghha kontra l-imputati odjerni u konsegwentement **il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat Aronne Cassar wkoll hati tal-ewwel akkuza** ta' holdup mill-istabbiliment Vibro Blocks.

**Dwar it-tieni akkuza** u cioe li bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti, din il-Qorti in segwitu tad-decizjoni ta' htija dwar l-ewwel akkuza, **issib lil imputati Aronne Cassar hati** ta' din t-tieni akkuza ghaliex flimkien ma Noel Frendo rabat lil Raymond Vassallo w ordnalu jghaddilhom l-flus u kien wara li telqu l-malviventi u cioe l-imputati odjerni, li nhall u li ghalhekk gie fil-liberta tieghu.

**Dwar t-tielet akkuza** u cioe li gieghelu lil imsemmi Raymond Vassallo jaghmel, jhalli jsir jew jonqoss milli

jaghmel xi haga, **wkoll tirrizulta ppruvata sodisfacentement**.

**Dwar r-raba akkuza** il-Qorti m'ghandiex dubbju li z-zewg imputati kellhom zewg armi fil-pussess taghhom u cioe senter u *revolver* pero filwaqt li l-imputat Noel Frendo jammetti din l-akkuza, l-imputat Aronne Cassar ma jamettihiex u l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jikkonferma li l-imputat Aronne Cassar m'ghandux licenzja biex jgorr arma tan-nar u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat Aronne Cassar hati ta' din r-raba akkuza.**

**Dwar s-sitta w is-sebgha akkuza** u cioe dik ta' serq ta' van tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni JOE 029 b'diversi ghodod ghad-detriment ta' Guseppi Muscat, dan instab fil-garaxx mikri lil imputat Aronne Cassar bl-ghodod kollha imsemmija fir-rapport tal-Pulizija jumejn wara li gie rappurtat misruq u ghalhekk a bazi tat-teorija ta' pussess ricenti ta' oggett misruq **il-Qorti ssib lil imputat Aronne Cassar hati ta' dawn iz-zewg akkuzi** wkoll.

**Dwar t-tmien akkuza** u cioe dik ta' hsara voluntarja, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Guseppi Muscat moghtija viva voce l-Qorti nhar t-tlettax ta' Marzu 2002 a fol 230 tal-atti odjerni u ghax-xhieda tieghu moghtija quddiem il-perit tekniku nhar d-disgha ta' Frar 2002 minn fejn jirrizulta li sab il-bieb tal-garaxx sgassat mic-cilindru tas-serratura. Illi pero dwar danni voluntarji ma jirrizulta xejn u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat Aronne Cassar hati ta' hsara voluntarja skond l-artikolu 325(d)** u cioe f'ammont li ma jiskorrix l-ghaxar liri maltin peress li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-quantum.

**Dwar d-disgha akkuza** u cioe dik ta' serq ta' sellum tal-marka 'Verner' ghad-dannu tal-Melita Cable, jirrizulta li dan insteraq nhar t-tletin ta' Jannar 2002 minn fuq il-vettura li kienet fil-pussess ta' Leslie Bonnici fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, u dan instab fil-garaxx mikri lil imputat Aronne Cassar xi ghaxart ijiem wara u ghalhekk **il-Qorti**

**ma thossx li din il-prova prodotta mill-Prosekuzzjoni hija bizzejjed sabiex il-Qorti ssib lil imputat Aronne Cassar hati ta' akkuza ta' serq aggravat pero hija bizzejjed biex ssibu hati tal-akkuza numru ghaxra ta' ricettazzjoni tieghu u ghalhekk qed issib lil imputat Aronne Cassar hati ta' din l-akkuza.**

Il-Prosekuzzjoni akkuzat wkoll lil imputat Aronne Cassar li kiser il-probation moghtija lilu ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 [illum 22(6) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta] li giet imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar l-hmistax ta' Gunju 1999 izda ma jirrizultax li din is-sentenza giet esibita u ghalhekk **il-Qorti ma tistax ssib lil imputat Aronne Cassar hati ta' din l-hdax l-akkuza**.

Iz-zewg imputati gew akkuzati wkoll li huma recidivi ai termini tal-artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. **Dwar l-imputat Noel Frendo il-Qorti hija rinfaccata bl-ammissjoni tieghu u ghalhekk tiddikjara li ssibu hati taghha** pero **fil-konfront tal-imputat Aronne Cassar**, il-Qorti fliet l-process kollu u minn imkien ma jirrizulta li giet esibita sentenza li nghatat fil-konfront tieghu u ghalhekk **ma tistax ssibu hati ta' din t-tnax l-akkuza.**

**Dwar il-piena**

Il-Qorti rat l-fedina penali taz-zewg imputati esibiti fl-atti a fol 8 et seq minn fejn jirrizulta li minn dik ta' l-imputat Noel Frendo, huwa diga tressaq il-Qorti diversi drabi w instab hati ta' numru t'akkuzi fosthom serq, ikkaccjar ghal ghasafar b'mod illegali, pussess ta' arma, pussess ta' droga u effettivement diga nstab hati f'sebgha okkazzjonijiet w inghata pieni ta' amendi, multi, probation u prigunerija filwaqt li l-ko-akkuzat Aronne Cassar tressaq il-Qorti darbtejn akkuzat fuq serq u xi kontravenzjonijiet, meta nghata pieni ta' multi u probation.

Rat wkoll l-*pre sentencing inquiry report* ppresentat nhar t-tmienja ta' Gunju 2004 mis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta fil-konfront tal-imputat Aronne Cassar li jinstab esibit fl-atti mmarkat bhala dokument MS u minn

esami tieghu jirrizulta li din l-Ufficjal tal-Probation issuggerit li tinghata sentenza fil-komunita.

Minn naha l-ohra, pero il-Qorti, rat li l-akkuzi odjerni huma serji hafna u cioe li hawn si tratta ta' holdup premeditat bl-uzu ta' armi u ghalhekk ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat fl-ghoti tal-piena.

Il-Qorti rat li l-imputat Aronne Cassar fl-ebda hin m'ammetta l-akkuzi w in oltre, ebda wiehed mill-imputati ma indenja ruhu jipprova jikkumpensa lil vittma f'dan il-kaz.

Il-Qorti rat li dan il-kaz si tratta ta' holdup pre-meditat bl-uzu ta' armi fuq persuna innocenti u thoss li f'dawn ic-cirkostanzi, ghandha taghti l-protezzjoni kollha taghha lis-socjeta u billi tistmerr tali agir kommess mill-imputati odjerni molto piu fi zmienijiet meta n-numru ta' holdups qed jizdied.

Illi ghalkemm il-kondotta taz-zewg akkuzati hija differenti u cioe Noel Frendo ghandu fedina penali kriminali filwaqt li Aronne Cassar ghandu fedina penali mhux daqstant reflettarja, din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun l-istess ghaliex filwaqt li Noel Frendo ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, Aronne Cassar ma rregistra ebda ammissjoni ghal xi reat ghalkemm uhud minnhom kienu jirrizultaw ppruvati mill-bidu nett tal-atti u din ma saritx bl-isperanza li l-imputat isib x'intopp tekniku ghal liberazzjoni tieghu.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 329, 281, 334, 289, 49, 50, 28A sa 28H, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9, l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 u l-artikoli 3, 9, 19, 23, 26, u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat NOEL FRENDO hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u lil imputat ARONNE CASSAR hati tal-ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba, s-sitt, s-sebgha, t-tmien u l-ghaxar akkuza u tikkundanhom it-tnejn ghal erbgha**

**snin prigunerija u tiddikjara li <u>ma ssibx lil imputat Aronne Cassar hati tal-hames, tad-disgha, tal-hdax u tat-tlettax l-akkuza</u> u tilliberah minnhom.**

**Oltre dan qed <u>tikkundanna liz-zewg imputati jhallsu individwalment l-ispejjes tal-periti nominati f'din il-kumpilazzjoni u tordnalhom jhallsu l-ispejjes li jammonta kwantu ghal hatra ta' Alfred Camenzuli fl-ammont ta' sebghin lira u erbatax il-centezmu u kwantu ghal Joseph Zammit fl-ammont ta' sitta w sittin lira maltin u ghalhekk ammont globali ta' mija sitta w tletin lira u erbatax il-centezmu u dan fi zmien gimgha minn meta jigu hekk interpellati mir-Regisatratur tal-Qorti</u> u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------